IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 31.1.2019
COM(2019) 37 final

# RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

## Rapport Annwali dwar l-implimentazzjoni tal-istrumenti tal-Unjoni Ewropea għall-finanzjament tal-azzjoni esterna fl-2017

{SWD(2019) 12 final}

## IMPENJI GLOBALI

L-Unjoni Ewropea (UE) tippromwovi approċċ konġunt li jgħaqqad flimkien l-istrumenti disponibbli kollha tal-UE u tal-Istati Membri tagħha għall-fini ta' dinja iktar paċifika u għanja. Fl-2017 l-Ewropa u d-dinja baqgħu jiffaċċjaw sfidi sinifikanti. L-UE rreaġixxiet b'mod komprensiv u użat il-firxa sħiħa tal-politiki u strumenti tagħha, li kienu jkopru azzjonijiet ta' diplomazija, sigurtà, finanzi, kummerċ, żvilupp u għajnuna umanitarja. Il-miżuri ta' rispons fi kriżi li ġew adottati kienu jinkludu appoġġ fil-kriżijiet ewlenin kollha li għaddejjin madwar id-dinja, inklużi attivitajiet fl-għaxar pajjiżi "l-inqas paċifiċi"[1].

**L-UE bħala Attur Globali Iktar b'Saħħtu**

Matul l-2017 bdiet l-implimentazzjoni sħiħa tal-Istrateġija Globali tal-UE (EUGS, EU Global Strategy) dwar il-politika estera u ta' sigurtà[2]. L-EUGS tistabbilixxi interessi ewlenin tal-UE u prinċipji għall-involviment u tipprovdi viżjoni għal UE iktar kredibbli, responsabbli u reattiva fid-dinja.

L-UE kompliet tindirizza l-livelli għolja eżistenti ta' vulnerabbiltà minħabba l-kriżi umanitarja, in-nixfa u n-nuqqas ta' sigurtà, billi pprovdiet finanzjament ta' iktar minn EUR 2,2 biljun għal operazzjonijiet f'iktar minn 90 pajjiż barra mill-UE. L-UE u l-Istati Membri tagħha għadhom l-ikbar donatur ta' għajnuna umanitarja fid-dinja.

L-UE u l-Istati Membri tagħha huma l-ikbar donatur ta' Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp (ODA, Official Development Assistance), billi jipprovdu iktar minn nofs l-ODA globali. Fl-2017 il-Kummissjoni Ewropea waħedha ħallset EUR 13,34-il biljun ta' ODA.

L-implimentazzjoni tal-EUGS fir-rigward tas-sigurtà u d-difiża kienet rapida u sostanzjali. Sar xogħol fuq Rieżami Annwali Koordinat dwar id-Difiża (CARD, Coordinated Annual Review on Defence)[3], fuq l-istabbiliment tal-Kapaċità Militari tal-Ippjanar u t-Tmexxija (MPCC, Military Planning and Conduct Capability)[4], fuq l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni Ewropew għad-Difiża u tad-Dikjarazzjoni Konġunta UE-NATO, u fuq il-ftehim dwar il-Kooperazzjoni Strutturata Permanenti (PESCO, Permanent Structured Cooperation)[5].

L-EUGS tirrikonoxxi l-importanza ta' sistema internazzjonali bbażata fuq il-multilateraliżmu. L-UE u n-Nazzjonijiet Uniti (NU) huma sħab indispensabbli għall-ksib tal-paċi u s-sigurtà. Il-ħidma rivoluzzjonarja trilaterali konġunta bejn l-Unjoni Afrikana (UA), l-UE u n-NU fir-rigward tal-Libja u l-migrazzjoni għandha l-għan li twitti t-triq għal kooperazzjoni aħjar fl-aġenda iktar wiesgħa għall-paċi u s-sigurtà. L-appoġġ li qed jiġi pprovdut lill-Forza Konġunta tal-G5 tas-Saħel ukoll juri l-importanza li jsir investiment fi sħubiji ta' sigurtà globali-reġjonali.

**Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp, li jimplimenta l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli**

---

[1] L-Indiċi Globali tal-Paċi tal-2017, l-Istitut tal-Ekonomija u tal-Paċi

[2] https://europa.eu/globalstrategy/en/global-strategy-foreign-and-security-policy-european-union

[3] https://eeas.europa.eu/headquarters/headquarters-Homepage/36453/coordinated-annual-review-defence-card_en

[4] https://eeas.europa.eu/headquarters/headquarters-homepage/27763/military-planning-and-conduct-capability-mpcc_en

[5] https://eeas.europa.eu/headquarters/headquarters-Homepage/34226/permanent-structured-cooperation-pesco-factsheet_en

F'Ġunju 2017 ġie ffirmat il-Kunsens Ewropew Ġdid għall-Iżvilupp[6] f'Dikjarazzjoni Konġunta tal-Presidenza Maltija f'isem il-Kunsill u l-Istati Membri, il-Parlament, il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà. Il-Kunsens il-ġdid huwa r-risposta tal-UE għax-xejriet u l-isfidi globali fil-kooperazzjoni internazzjonali u l-iżvilupp, li jallinja l-azzjoni esterna tal-UE mal-Aġenda 2030 tan-NU għall-Iżvilupp Sostenibbli u mal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs, Sustainable Development Goals) tagħha.

Filwaqt li huwa strutturat madwar il-ħames "Ps" li jifformaw il-qafas tal-Aġenda 2030 (People, Planet, Prosperity, Peace, Partnership (in-Nies, il-Pjaneta, il-Prosperità, il-Paċi u s-Sħubija)), il-Kunsens iressaq approċċ ibbilanċjat u integrat għad-dimensjonijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali tal-iżvilupp sostenibbli.

**Pjan ta' Investiment Estern**

Fl-2017 beda jiġi implimentat il-Pjan ta' Investiment Estern (PIE)[7] ambizzjuż tal-UE, wara d-dħul fis-seħħ tar-regolament dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli (EFSD, European Fund for Sustainable Development) f'Settembru. B'input ta' EUR 4,1 biljun (EUR 2,6 biljun għall-finanzjament imħallat u EUR 1,5 biljun għall-garanziji), dan għandu l-għan li jimmobilizza investiment totali ta' EUR 44 biljun fl-Afrika u fil-Viċinat tal-UE b'ħames "Twieqi ta' Investiment" li jkopru: l-Enerġija Sostenibbli u l-Konnettività; il-Finanzjament ta' Intrapriżi Mikro, Żgħar u ta' Daqs Medju (MSMEs, Micro, Small and Medium Enterprises); l-Agrikoltura Sostenibbli, l-Intraprendituri Rurali u l-Agroindustrija; Bliet Sostenibbli; u d-Diġitali għall-Iżvilupp.

L-adozzjoni tal-PIE tirrappreżenta mument importanti għall-azzjoni esterna tal-UE billi ngħatat spinta lill-involviment tas-settur privat sabiex jinkisbu riżultati fil-kuntest ta' għanijiet globali ta' politika iktar wesgħin.

**Ħidma mtejba mal-Istati Membri tal-UE**

Il-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp iqiegħed l-Ipprogrammar Konġunt fil-qalba tal-isforzi tal-UE għal ħidma mtejba mal-Istati Membri biex tiġi implimentata l-Aġenda 2030. Permezz tal-ġbir tar-riżorsi u tal-kapaċitajiet, l-Ipprogrammar Konġunt iżid l-impatt kollettiv u l-viżibbiltà tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp Ewropea u tal-azzjoni esterna.

F'Mejju 2017, evalwazzjoni indipendenti tal-proċessi tal-Ipprogrammar Konġunt tal-UE[8] kkonkludiet li l-eżerċizzju żied il-koordinazzjoni fost l-UE, l-Istati Membri u sħab tal-iżvilupp oħra, u saħħaħ il-vuċi u l-ingranaġġ tal-UE u tal-Istati Membri fil-livell ta' pajjiż.

Fl-aħħar tal-2017 kienu jeżistu 23 dokument ta' Pprogrammar Konġunt, li sebgħa minnhom kienu tlestew f'dik is-sena. F'36 pajjiż sieħeb ieħor kien għaddej proċess ta' Pprogrammar Konġunt.

**Koerenza tal-Politiki għall-Iżvilupp**

Il-Koerenza tal-Politiki għall-Iżvilupp (PCD, Policy Coherence for Development) titlob li l-UE tieħu kont tal-għanijiet tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp fl-implimentazzjoni tal-politiki kollha li x'aktarx jaffettwaw il-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp.

[6] https://ec.europa.eu/europeaid/policies/european-development-policy/european-consensus-development_en
[7] https://ec.europa.eu/europeaid/eu-external-investment-plan-factsheet_en
[8] https://ec.europa.eu/europeaid/evaluation-eu-joint-programming-process-development-cooperation-2011-2015_en

Fl-2017 il-Kummissjoni kompliet tippromwovi l-PCD, u inkorporatha wkoll fil-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp, u enfasizzat ukoll il-kontribut siewi tagħha għall-ksib tal-SDGs.

__FIRXA GLOBALI__

**Afrika**

L-2017 kienet sena importanti għas-Sħubija Strateġika mal-Afrika. F'Mejju ġiet adottata Komunikazzjoni Konġunta għal impetu mġedded tas-Sħubija UE-Afrika[9], li kienet segwita mill-Ħames Summit bejn l-Unjoni Afrikana u l-UE li sar f'Abidjan f'Novembru. Bdew it-tħejjijiet għal relazzjoni ġdida mal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP) biex tinkiseb sħubija ta' wara Cotonou bejn partijiet ugwali li hija moderna, politika u mmirata.

Fl-2017 ġew approvati 40 programm ġdid fit-tliet reġjuni li huma koperti mill-Fond Fiduċjarju ta' Emerġenza tal-Unjoni Ewropea għall-istabbiltà u li jindirizza l-għeruq ta' dak li jikkawża l-migrazzjoni irregolari u l-ispostament tal-persuni fl-Afrika (EUTF għall-Afrika).

**Reġjun tat-Tkabbir**

Avveniment politiku ewlieni fl-2017 kien id-diskors dwar l-Istat tal-Unjoni tal-President Juncker[10], li kkonferma mill-ġdid u saħħaħ l-appoġġ inekwivoku tal-UE għall-perspettiva ta' tkabbir tal-Balkani tal-Punent.

**Viċinat Ewropew**

Fl-2017 l-UE kompliet tniedi l-Politika Ewropea tal-Viċinat (PEV) riveduta tagħha biex jinkisbu l-għanijiet komuni tal-istabbilizzazzjoni ta' pajjiżi tal-Viċinat Ewropew u tal-iżvilupp ta' sħubijiet iktar adattati. Mal-Georgia u mal-Moldova ġew konklużi Aġendi ta' Assoċjazzjoni Riveduti u daħal fis-seħħ il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni mal-Ukrajna, inkluż iż-Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondita u Komprensiva. Mal-Armenja ġie konkluż u ffirmat Ftehim ta' Sħubija Komprensiv u Msaħħaħ. Is-Summit tas-Sħubija tal-Lvant li sar f'Novembru pprovda gwida għall-kooperazzjoni reġjonali futura abbażi tal-"20 riżultat tanġibbli għall-2020"[11].

Il-programmi tal-UE komplew jappoġġjaw l-iżvilupp ekonomiku, soċjali, kulturali u politiku tal-pajjiżi tal-Viċinat tan-Nofsinhar, inklużi dawk li kienu qegħdin jospitaw refuġjati mis-Sirja.

Mal-Alġerija u l-Eġittu ntlaħaq qbil dwar il-prijoritajiet tas-sħubija għall-perjodu 2017–2020, filwaqt li sar progress fl-identifikazzjoni ta' prijoritajiet konġunti simili mal-Armenja, it-Tuneżija, il-Palestina, l-Ażerbajġan u l-Belarussja.

F'Mejju 2017 ġiet adottata Komunikazzjoni Konġunta dwar l-iżviluppi fil-Viċinat u l-implimentazzjoni tar-riżżami tal-PEV[12].

**L-Asja, l-Asja Ċentrali u l-Paċifiku**

[9] JOIN(2017) 17 final, 4.5.2017
[10] http://europa.eu/rapid/press-release_SPEECH-17-3165_mt.htm
[11] https://eeas.europa.eu/sites/eeas/files/20_deliverables_for_2020.pdf
[12] JOIN(2017) 18 final, 18.5.2017

Kemm id-19-il Summit UE-Ċina f'Ġunju 2017 kif ukoll is-Summit UE-Indja f'Ottubru wrew l-impenn komuni li jiġu indirizzati kwistjonijiet globali u reġjonali bħat-tibdil fil-klima u t-theddid għas-sigurtà. Fl-2017 l-UE ffirmat ftehimiet politiċi dwar firxa wiesgħa ta' oqsma ta' kooperazzjoni mal-Awstralja u New Zealand.

L-UE kienet involuta b'mod intensiv fl-indirizzar tal-kriżi tar-refuġjati tar-Rohingya fil-Bangladesh u fil-Myanmar u żiedet l-isforzi umanitarji tagħha, billi kkoospitat il-Konferenza tad-Donaturi tan-NU f'Ottubru u billi tat l-ikbar donazzjoni.

**L-Amerka Latina u l-Karibew**

Fl-2017 sar progress fin-negozjati mal-blokk kummerċjali tal-Amerka t'Isfel MERCOSUR dwar Ftehim ta' Assoċjazzjoni bireġjonali u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim ta' Djalogu Politiku u ta' Kooperazzjoni ma' Kuba f'Novembru. Fil-bidu tas-sena daħal fis-seħħ il-Ftehim Kummerċjali bejn Bosta Partijiet mal-Ekwador.

Fl-2017 l-UE fittxet li tmexxi l-fokus tal-kooperazzjoni tagħha mal-Amerka Latina u mal-Karibew lejn mudell iktar diversifikat li jagħti rwol importanti lill-investiment, lir-riċerka u l-innovazzjoni, lill-edukazzjoni u lill-aġenda diġitali.

**<u>NIES</u>**

**Żvilupp tal-bniedem**

L-eradikazzjoni tal-faqar (SDG 1), il-ġlieda kontra l-inugwaljanzi u kontra d-diskriminazzjoni (SDG 10) u li ħadd ma jitħalla barra huma fil-qalba tal-politika tal-iżvilupp tal-UE.

Permezz tal-kontribut li tat għal inizjattivi globali bħall-Fond Globali għall-Ġlieda kontra l-AIDS, it-Tuberkulożi u l-Malarja (GFATM, Global Fund to Fight AIDS, Tuberculosis and Malaria), l-Alleanza għat-Tilqim (GAVI), is-Sħubija Globali għall-Edukazzjoni (GPE, Global Partnership for Education), u l-fond "Education Cannot Wait", l-UE żgurat li jkollha rwol sinifikanti fit-tfassil tal-aġenda politika internazzjonali fil-qasam tas-saħħa (SDG 3) u tal-edukazzjoni (SDG 4). Dawn l-inizjattivi għenu lil 11-il miljun ruħ permezz ta' trattament li jsalva l-ħajjiet ta' persuni morda bl-HIV. Barra minn hekk ġew ittrattati 17,4-il miljun każ ta' tuberkulożi u tqassmu 795 miljun xibka tas-sodda għall-prevenzjoni tal-malarja. Permezz tal-appoġġ li l-UE tat lill-GPE, fl-2015 kien hemm 72 miljun tifel u tifla iktar fl-iskejjel primarji tal-pajjiżi sħab meta mqabbel mal-2002.

Permezz tal-programm Erasmus+, l-UE għenet lill-pajjiżi sħab biex itejbu l-impjegabbiltà tal-individwi. Fl-2017 ingħataw iktar minn 40 500 għotja individwali ta' mobbiltà lil studenti u persunal, u iktar minn nofshom ibbenefikaw lill-pajjiżi tal-Viċinat u tat-Tkabbir. Barra minn hekk ġew appoġġati madwar 350 parteċipazzjoni internazzjonali fi proġetti ta' riċerka kollaborattiva ta' Orizzont 2020, b'madwar EUR 40 miljun ta' finanzjament mill-UE.

Reġġħet saret enfasi fuq id-dimensjoni kulturali tal-iżvilupp u tal-kooperazzjoni internazzjonali wara l-adozzjoni tal-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Mejju 2017 dwar "Approċċ Strateġiku tal-UE għar-Relazzjonijiet Kulturali Internazzjonali"[13].

**Ugwaljanza bejn is-sessi u emanċipazzjoni tan-nisa**

L-UE u l-Istati Membri tagħha għadhom fuq quddiem nett fid-dinja f'dak li għandu x'jaqsam mal-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi u mal-emanċipazzjoni tan-nisa u tal-bniet (SDG 5). L-ewwel rapport dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi 2016–2020[14] ġie ppubblikat fl-2017[15].

Il-Kummissjoni tissorvelja mill-qrib l-iżviluppi fir-rigward tal-ugwaljanza bejn is-sessi u fir-rigward tal-ġlieda kontra l-vjolenza abbażi ta' sess fir-Reġjun tat-Tkabbir. Dawn il-kwistjonijiet huma indirizzati wkoll fin-negozjati tal-adeżjoni u fil-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni rrappurtat fil-pakkett ta' tkabbir tal-2017[16].

<u>Fokus fuq il-vjolenza abbażi ta' sess</u>

L-2017 immarkat it-tnedija tal-Inizjattiva Spotlight[17], sħubija ġdida UE-NU bil-għan li jiġu eliminati l-forom kollha ta' vjolenza kontra n-nisa u l-bniet. Din l-inizjattiva, li hija appoġġata b'EUR 500 miljun mill-UE, għandha l-għan li tikseb bidla trasformattiva f'livell reġjonali. L-isforzi huma kkonċentrati fl-Asja, fil-Paċifiku, fl-Afrika (partikolarment fl-Afrika sub-Saħarjana), fl-Amerka Latina u fil-Karibew.

**Migrazzjoni, ċaqliq sfurzat tal-popolazzjoni u ażil**

Il-migrazzjoni u l-mobbiltà baqgħu fuq nett fuq l-aġenda tal-UE, bl-attenzjoni timxi lejn ir-rotta tal-Mediterran Ċentrali bħala l-isfida ewlenija u l-Libja baqgħet il-pajjiż tat-tluq ewlieni lejn l-UE. Il-Faċilità għar-Refuġjati fit-Turkija kompliet tindirizza l-bżonnijiet tar-refuġjati u tal-komunitajiet ospitanti fil-pajjiż, bil-Kummissjoni twiegħed EUR 3 biljun fl-2017.

Fil-Balkani tal-Punent l-UE għandha rwol ewlieni fil-ġabra ta' risposti għal kwistjonijiet relatati mar-refuġjati u mal-migrazzjoni.

<u>Ġestjoni tal-migrazzjoni mħallta fil-Libja</u>

Fl-2017 il-Kummissjoni rreaġixxiet malajr għar-rakkomandazzjonijiet fil-Komunikazzjoni Konġunta "Il-migrazzjoni fuq ir-rotta tal-Mediterran Ċentrali – Niġġestixxu l-flussi, insalvaw il-ħajjiet"[18] li ġiet ippubblikata f'Jannar. Fi żmien qasir ġie żviluppat programm ta' EUR 90 miljun għall-forniment ta' protezzjoni u ta' assistenza lil dawk fil-bżonn fil-Libja u biex tingħata għajnuna fl-istabbilizzazzjoni tal-komunitajiet ospitanti.

---

[13] Il-Komunikazzjoni Konġunta "Lejn strateġija tal-UE għal relazzjonijiet kulturali internazzjonali", JOIN(2016) 29 final, 8.6.2016; il-konklużjonijiet tal-Kunsill 9635/17.
[14] Joint SWD(2015) 182 final, 21.9.2015, "L-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri u l-Emanċipazzjoni tan-Nisa: Nittrasformaw il-Ħajjiet tal-Bniet u tan-Nisa permezz tar-Relazzjonijiet Esterni tal-UE 2016–2020", segwit mill-konklużjonijiet tal-Kunsill 13201/15, 26.10.2015.
[15] https://ec.europa.eu/transparency/regdoc/rep/10102/2017/EN/SWD-2017-288-F1-EN-MAIN-PART-1.PDF
[16] http://europa.eu/rapid/press-release_IP-18-3342_mt.htm
[17] https://ec.europa.eu/europeaid/sectors/human-rights-and-democratic-governance/gender-equality/spotlight-initiative_en
[18] JOIN(2017) 4 final, 25.1.2017

**Sigurtà Alimentari u Nutrizzjoni**

Fl-2017 kien hemm żieda fil-ġuħ globali u fin-nuqqas ta' sigurtà alimentari u tan-nutrizzjoni, b'żieda ta' 38 miljun persuna li kienu qed ibatu l-ġuħ. Ir-"Rapport Globali dwar Kriżijiet Alimentari"[19] li tnieda f'Marzu rrapporta dwar iktar minn 108 miljun ruħ fi kriżi alimentari, kif ukoll dwar ħafna hotspots f'riskju ta' karestija.

Bħala kontribut għall-SDG 2, l-isforzi tal-UE rriżultaw f'appoġġ tematiku u bilaterali mmirat, speċjalment biex jiġu indirizzati l-fraġilità u l-emerġenzi f'firxa ta' pajjiżi. Ġew allokati EUR 140 miljun f'sinerġija ma' EUR 750 miljun biex jiġu evitati karestiji f'erba' pajjiżi li kienu meqjusa f'riskju: is-Somalja, is-Sudan t'Isfel, il-Jemen u n-Niġerja.

## PJANETA

**Tibdil fil-klima**

It-tibdil fil-klima (SDG 13) għadu theddida ewlenija li qiegħda taffettwa l-iżvilupp sostenibbli globali. Fl-2017 ir-reġjun tal-Karibew kien milqut minn bosta urugani qawwija li jixhdu l-impatt ta' avvenimenti estremi tat-temp iktar frekwenti. L-UE tappoġġa l-inizjattiva ta' Qafas Globali għat-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri li wettqet Valutazzjonijiet tal-Ħtiġijiet ta' wara d-Diżastri (PDNAs, Post-Disaster Needs Assessments) u pprovdiet appoġġ rapidu lill-Karibew wara li kien milqut mill-urugani.

L-adattament għat-tibdil fil-klima huwa prijorità ewlenija għall-biċċa l-kbira tal-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp, b'mod partikolari għall-Istati Gżejjer Żgħar li qed Jiżviluppaw (SIDS, Small Island Developing States) u għall-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati (LDCs, Least Developed Countries) u l-inizjattiva ewlenija tal-UE Alleanza Globali Kontra t-Tibdil fil-Klima+ (GCCA+, Global Climate Change Alliance) kompliet tiffoka fuqhom bħala benefiċjarji prijoritarji.

L-UE involviet ruħha wkoll mal-pajjiżi tal-G20 biex tappoġġa l-implimentazzjoni tal-Kontributi Stabbiliti fil-Livell Nazzjonali li saru fis-summit COP 21.

**Ambjent u ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali**

Il-kapital naturali, li jinkludi l-art produttiva, ir-riżorsi tal-ilma, il-foresti, l-istokk ta' ħut u l-bijodiversità huma s-sinsla ta' ħafna ekonomiji ta' pajjiżi sħab u jikkontribwixxu bil-kbir għall-għajxien. Il-protezzjoni u l-ġestjoni sostenibbli tal-kapital naturali huma essenzjali biex tintlaħaq l-Aġenda 2030 (inklużi l-SDGs 6, 12, 14 u 15).

L-UE involviet ruħha bis-saħħa fit-tielet sessjoni tal-Assemblea tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent li saret f'Nairobi f'Diċembru bit-tema "Towards a pollution-free planet" (Għal pjaneta mingħajr tniġġis). L-UE kienet attiva wkoll fil-protezzjoni tal-oċeani bil-parteċipazzjoni fil-Konferenza dwar l-Oċeani tan-NU għall-implimentazzjoni tal-SDG 14 f'Ġunju 2017 fi New York u bl-organizzazzjoni tal-Konferenza "Our Oceans" (L-Oċean Tagħna) li saret Valletta f'Ottubru.

Peress li l-għajxien ta' 1,6 biljun persuna jiddependi fuq il-foresti, l-UE hija attiva fil-ġestjoni sostenibbli tal-foresti. Sar progress fl-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar l-Infurzar tal-Liġi, it-Tmexxija u l-Kummerċ fis-Settur Forestali (FLEGT, Forest Law Enforcement, Governance and Trade (FLEGT)[20]. Ġew konklużi Ftehimiet ta' Sħubija Volontarja (VPA, Voluntary Partnership

---

[19] https://ec.europa.eu/europeaid/global-report-food-crises-2017_en

[20] http://www.euflegt.efi.int/flegt-action-plan

Agreements) mal-Honduras u mal-Guyana. Fl-2017 l-UE mexxiet ukoll b'suċċess il-faċilitazzjoni tas-Sħubija għall-Foresti tal-Pjanura tal-Kongo.

<u>Ambjent u riżorsi naturali fil-Viċinat</u>

L-ambjent u l-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali hija prijorità fil-Viċinat tan-Nofsinhar u tal-Lvant. Filwaqt li tappoġġa inizjattivi li jinkludu l-ġestjoni tar-riżorsi tal-ilma, it-tindif mit-tniġġis u l-kooperazzjoni transfruntiera, l-azzjoni tal-UE mxiet lejn l-istabbiliment ta' ekonomiji ċirkolari, b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju u effiċjenti fir-riżorsi.

**Enerġija sostenibbli**

Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni "Empowering Development"[21] maħruġ f'Diċembru 2017 wera kif il-kooperazzjoni fl-enerġija sostenibbli tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp. Fl-2017 l-UE nediet azzjonijiet biex tiġi pprovduta enerġija lill-Afrika ("Energise Africa")[22].

Fil-Viċinat tal-Lvant, il-proġett EU4Energy ipprovda appoġġ għal riformi fis-settur tal-enerġija. Waqt is-summit tal-Balkani tal-Punent li sar fi Trieste f'Lulju 2017 ġie approvat pakkett ta' konnettività li jinkludi EUR 194 miljun ta' għotjiet Komunitarji li ingranaw investimenti ta' EUR 500 miljun għal proġetti reġjonali biex jittejbu l-konnessjonijiet tat-trasport u l-enerġija.

<u>Enerġija rinnovabbli fl-Afrika</u>

Sal-aħħar tal-2017, iż-Żambja, il-Benin, il-Kosta tal-Avorju u n-Niġerja kienu allokaw total ta' EUR 85 miljun għall-Inizjattiva tal-Finanzjament tal-Elettrifikazzjoni (ElectriFI, Electrification Financing Initiative) għal proġetti li jipprovdu konnessjoni mal-elettriku lil 452 000 unità domestika ġdida, jiġġeneraw 88 MW addizzjonali ta' enerġija rinnovabbli ġdida u jnaqqsu l-emissjonijiet b'madwar 200 000 tunnellata ta' ekwivalenti għad-diossidu tal-karbonju kull sena.

## <u>PROSPERITÀ</u>

**Ħidma mas-settur privat**

Fl-2017 l-UE implimentat approċċ ġdid ta' Involviment tas-Settur Privat[23] biex jinkiseb żvilupp sostenibbli u inklużiv. Il-kunċett tal-pjattaforma ta' Negozju Sostenibbli għall-Afrika (SB4A, Sustainable Business for Africa), b'rabta mal-PIE, jista' joħloq forum fejn is-settur privat jista' jidentifika limitazzjonijiet ta' investiment (b'kontribut għall-SDG 8).

F'Novembru 2017 l-UE adottat strateġija ġdida ta' Għajnuna għall-Kummerċ bl-isem "Niksbu l-Prosperità permezz tal-Kummerċ u l-Investiment"[24] abbażi ta' 10 snin ta' interventi tal-UE. L-enfasi tagħha qiegħda fuq l-appoġġ lil pajjiżi sħab u lill-industriji tagħhom sabiex jagħmlu t-tranżizzjoni għal prodotti u servizzi b'valur miżjud ogħla kif ukoll sabiex jiġi sfruttat il-potenzjal ta' kummerċ intrareġjonali kif ukoll il-kummerċ mal-UE.

**Tkabbir agrikolu**

[21] SWD(2017) 482 final, 15.12.2017
[22] https://ec.europa.eu/europeaid/sites/devco/files/factsheet-5-energise-africa_en.pdf
[23] https://ec.europa.eu/europeaid/sectors/economic-growth/private-sector-development/funding_en
[24] COM(2017) 667 final, 13.11.2017

Żewġ terzi tal-foqra tad-dinja jiddependu fuq l-agrikoltura għall-għajxien tagħhom, u ħafna pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp għadhom dipendenti ħafna fuq il-kummerċ ta' sempliċiment ftit komoditajiet.

L-UE tappoġġa azzjonijiet ta' governanza tal-art f'madwar 40 pajjiż b'baġit totali ta' kważi EUR 240 miljun. Azzjonijiet iffinanzjati mill-UE jipproteġu d-drittijiet tal-art tal-popli indiġeni fil-Perù u fil-Honduras u jiżgurawlhom assi bażiċi (b'kontribut għall-SDG 2).

<u>L-AgriFI tagħti spinta lill-fażola</u>

Fl-2017 ġew varati bosta programmi fil-kuntest tal-Inizjattiva għall-Finanzjament tal-Agrikoltura (AgriFI, Agriculture Financing Initiative)[25], inkluż analiżi tal-katina tal-valur tas-settur tal-fażola ħadra fil-Kenja. Ħareġ li l-investiment appoġġa l-għajxien ta' madwar 52 000 bidwi żgħir.

**Infrastrutturi, bliet u diġitalizzazzjoni**

Sabiex isir progress fir-rigward tal-Aġenda 2030 hemm bżonn li tinbena infrastruttura reżiljenti, tiġi promossa industrijalizzazzjoni inklużiva u sostenibbli u titrawwem l-innovazzjoni (SDG 9).

L-UE għenet fil-koordinazzjoni tal-aġenda għall-infrastruttura konġunta Afrika-UE u involviet ruħha fil-Bord tal-Programm tal-Politika għat-Trasport fl-Afrika, li jappoġġa l-politika u l-istrateġija għal Gvernijiet Afrikani u Komunitajiet Ekonomiċi Reġjonali.

L-urbanizzazzjoni rapida, partikolarment fl-Asja u fl-Afrika, tirrappreżenta sfidi kbar għall-iżvilupp. Fis-sena 2017 ġie żviluppat il-programm dwar il-Kooperazzjoni Urbana Internazzjonali (IUC, International Urban Cooperation)[26], fejn jinqasmu l-aħjar prattiki urbani bejn bliet tal-UE u bliet f'pajjiżi sħab strateġiċi, bħalma huma l-Indja u ċ-Ċina, u fil-PIE ġiet inkluża tieqa ta' investiment speċifika għal "Bliet Sostenibbli" (SDG 11).

<u>Il-Patt tas-Sindki tal-UE fil-Viċinat tal-Lvant</u>

L-inizjattiva tal-Patt tas-Sindki (CoM, Covenant of Mayors) tal-UE tappoġġa muniċipalitajiet fl-Armenja, fl-Ażerbajġan, fil-Belarussja, fil-Georgia, fil-Moldova u fl-Ukrajna biex jiġu implimentati miri tal-enerġija u tal-klima. Permezz ta' għotjiet immirati għal proġetti, l-UE qiegħda tikkontribwixxi lejn il-mira tagħhom li jnaqqsu l-emissjonijiet ta' $CO_2$ bi 30 % sal-2030. Iktar minn 300 muniċipalità fir-reġjun tas-Sħubija tal-Lvant iffirmaw il-CoM.

L-implimentazzjoni tal-miżuri diġitali ppjanati għall-2017 fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar "Digital4Development"[27] kienet tinkludi proġetti tal-infrastruttura tal-fibrottika, it-titjib tas-sigurtà u tar-reżiljenza ta' infrastruttura u ta' netwerks tal-informazzjoni kritika kif ukoll il-promozzjoni ta' broadband aċċessibbli universalment u affordabbli fl-Afrika kollha.

## <u>PAĊI</u>

**Demokrazija, drittijiet tal-bniedem, governanza tajba**

L-UE affermat mill-ġdid l-appoġġ inkundizzjonat tagħha għad-demokrazija, għad-drittijiet tal-bniedem u għall-governanza tajba madwar id-dinja (SDG 16), filwaqt li kkonfermat ir-rwol globali

[25] https://www.edfi.eu/facility/agrifi/
[26] http://ec.europa.eu/regional_policy/sources/cooperate/international/pdf/iuc_leaflet_en.pdf
[27] SWD(2017) 157 final, 2.5.2017

ċentrali tagħha permezz tal-Istrument Speċjali Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem (EIDHR, European Instrument for Democracy and Human Rights).

Fis-sena 2017 tkompliet l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem bl-ewwel rapport ta' implimentazzjoni f'Ġunju 2017[28]. L-appoġġ għad-Delegazzjonijiet tal-UE ġie pprovdut permezz ta' żewġ faċilitajiet: "Supporting Democracy" u "Media4Democracy", li għandhom l-għan li jibnu l-kapaċità fl-oqsma, rispettivament, tal-appoġġ għad-demokrazija u tal-libertà ta' espressjoni. F'Settembru saret kampanja globali bl-isem "EU4Democracy".

<u>Prijorità għall-Affarijiet Fundamentali għat-Tkabbir</u>

L-approċċ ta' "prijorità għall-affarijiet fundamentali" jibqa' wieħed mill-prinċipji tal-politika tat-tkabbir, li jiżgura li sa minn kmieni fil-proċess ta' adeżjoni l-pajjiżi jagħtu prijorità lil riformi f'oqsma bħall-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali, l-istituzzjonijiet demokratiċi u r-riforma tal-amministrazzjoni pubblika.

F'Marzu ġew adottati l-Linji Gwida Riveduti għall-Promozzjoni u l-Protezzjoni tad-Drittijiet tat-Tfal[29], li jistabbilixxu l-istrateġija globali tal-UE u li għandhom l-għan li jiżguraw li l-politiki u l-azzjonijiet tal-UE jappoġġaw it-tisħiħ tas-sistemi tal-pajjiżi sħab, inkluż il-protezzjoni tat-tfal.

<u>Appoġġ għar-Riforma tal-Ġustizzja fit-Tuneżija</u>

Fis-sena 2017 l-UE ġeddet l-appoġġ tagħha għas-settur tal-ġustizzja fit-Tuneżija billi adottat it-tielet fażi tal-"Programme d'Appui à la Réforme de la Justice III" (EUR 70 miljun) f'kooperazzjoni mal-Kunsill tal-Ewropa. Il-programm se jirrinforza l-indipendenza u l-imparzjalità tal-ġudikatura u fl-istess waqt se jtejjeb l-aċċess taċ-ċittadini għall-ġustizzja.

**Reżiljenza u fraġilità**

Il-Komunikazzjoni Konġunta dwar "Approċċ Strateġiku għar-Reżiljenza"[30] tas-sena 2017 ippermettiet li l-UE tadotta impenn multisettorjali estiż dwar ir-reżiljenza. Proċess pilota f'sitt pajjiżi (iċ-Chad, l-Iraq, il-Myanmar, in-Niġerja, is-Sudan u l-Uganda) ittestja rabta usa' ta' miżuri umanitarji / żvilupp / paċi.

Fl-2017 il-ħidma fuq ir-reżiljenza u l-indirizzar tal-fraġilitajiet kienet tiffoka fuq erba' oqsma: ir-rinforzar tal-qafas ta' reżiljenza; l-iżvilupp ta' approċċ integrat għal konflitti u kriżijiet esterni bbażat fuq l-approċċ komprensiv eżistenti; ir-rinforzar tal-importanza tar-reżiljenza f'sitwazzjonijiet ta' konflitt u ta' kriżi; u l-appoġġ għad-Djalogu Internazzjonali għat-Tiswir tal-Paċi u għall-Bini tal-Istat (IDPS, International Dialogue for Peacebuilding and State building), li huwa mmexxi mill-pajjiżi fraġli stess.

**Sigurtà**

L-2017 uriet għal darba oħra r-rwol ewlieni tal-UE fil-qasam tas-sigurtà. L-emenda tar-Regolament dwar l-Istrument li Jikkontribwixxi għall-Istabbiltà u l-Paċi (IcSP, Instrument contributing to Stability and Peace), it-Tisħiħ tal-Kapaċitajiet għas-Sigurtà u l-Iżvilupp (CBSD, Capacity Building in support of Security and Development)[31], daħal fis-seħħ f'Diċembru 2017. Dan l-iżvilupp politiku importanti

[28] SWD(2017) 254 final, 27.6.2017
[29] https://eeas.europa.eu/sites/eeas/files/eu_guidelines_rights_of_child_2017.pdf
[30] JOIN(2017) 21 final, 7.6.2017
[31] Ir-Regolament (UE) 2017/2306 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017

jippermetti lill-UE taħdem flimkien ma' atturi militari f'ċirkostanzi ddefiniti b'mod ċar, sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-iżvilupp.

L-IcSP ikkontribwixxa għall-akkumpanjament ta' tranżizzjonijiet politiċi paċifiċi bħal dawk fil-Kenja jew fil-Gambja u għall-kontinwazzjoni tal-appoġġ għall-Proċess tal-Paċi fil-Kolombja kif ukoll għad-Djalogu bejn il-Kosovo u s-Serbja, għal inizjattivi ta' medjazzjoni fir-reġjun tan-Niġer Delta tan-Niġerja, bejn il-komunitajiet tat-Tebou u tat-Touareg fin-Niġer, u bejn il-Gwatemala u l-Belize. Azzjonijiet ġodda fl-Afganistan, fil-Bożnija-Ħerzegovina, fil-Kosovo[32], fil-Libja, fin-Niġer u fis-Somalja kkomplementaw direttament il-ħidma tal-missjonijiet tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK).

Flimkien mal-programmi li għaddejjin bħalissa fir-Repubblika Ċentru-Afrikana, fil-Georgia, fil-Mali u fl-Ukrajna, l-IcSP ikkomplementa b'mod dirett 12 mis-16-il missjoni tal-PSDK li għaddejjin bħalissa.

<u>Missjonijiet tal-PSDK madwar id-dinja</u>

Is-16-il missjoni u operazzjoni tal-PSDK jinkludu tliet operazzjonijiet militari b'mandat eżekuttiv (Op SOPHIA, Op ATALANTA u Op EUFOR ALTHEA) u tliet missjonijiet ta' taħriġ militari mhux eżekuttivi (Missjonijiet ta' Taħriġ tal-UE fir-Repubblika Ċentru-Afrikana, fil-Mali u fis-Somalja). Hemm ukoll missjoni ċivili eżekuttiva (Missjoni tal-UE għall-Istat tad-Dritt (EULEX) fil-Kosovo), missjoni ċivili ta' monitoraġġ (Missjoni ta' Monitoraġġ tal-UE (EUMM, EU Monitoring Mission) fil-Georgia), missjoni għat-tisħiħ tal-fiduċja (CBM, confidence building measure) (Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntieri (EUBAM, European Union Border Assistance Mission) għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah), erba' missjonijiet ta' bini tal-kapaċità (Missjoni tal-Pulizija tal-UE għat-Territorji Palestinjani (EUPOL COPPS), missjonijiet tal-UE ta' bini ta' kapaċitajiet (CAPs, EU Capacity Building Missions) fis-Somalja, fil-Mali u fin-Niġer, u żewġ missjonijiet ta' konsulenza (EUAM Ukraine u EUAM Iraq).

Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-azzjoni esterna tal-UE dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu, adottati f'Ġunju 2017[33], ikomplu jsaħħu n-netwerk ta' esperti kontra t-terroriżmu fid-Delegazzjonijiet tal-UE u jiksbu koerenza ikbar bejn l-azzjonijiet interni u esterni fil-qasam tas-sigurtà permezz tat-tisħiħ tar-rwol tal-aġenziji tal-Ġustizzja u Affarijiet Interni rigward pajjiżi terzi.

Permezz ta' kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO ngħata bidu għall-implimentazzjoni tal-ewwel pakkett komuni ta' proposti (42 azzjoni) li ġie miftiehem fid-Dikjarazzjoni Konġunta ta' Lulju 2016. F'Diċembru 2017 iż-żewġ Kunsilli approvaw pakkett komuni ta' proposti ġodda li jikkonsisti minn 32 azzjoni addizzjonali u li jespandi l-kooperazzjoni għal oqsma ewlenin bħall-ġlieda kontra t-terroriżmu, in-nisa, il-paċi u s-sigurtà u l-mobbiltà militari.

**Stabbiltà**

L-UE tappoġġa azzjonijiet ta' stabbilizzazzjoni fil-Libja li jiffokaw fuq ir-riabilitazzjoni tal-infrastruttura ewlenija, it-tneħħija ta' mini għal skopijiet umanitarji, u l-ksib ta' kunsens nazzjonali permezz ta' appoġġ fil-medjazzjoni.

---

[32] Din id-deżinjazzjoni għandha tkun bla ħsara għall-istatus, u hija konformi mal-UNSCR 1244/1999 u mal-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

[33] https://www.consilium.europa.eu/mt/press/press-releases/2017/06/19/conclusions-counterterrorism/

Il-Komunikazzjoni Konġunta "Elementi għal Strateġija tal-UE għas-Sirja"[34] ġiet adottata f'Marzu 2017 u tistabbilixxi l-għanijiet ewlenin għal azzjonijiet tal-UE, li għandhom jikkontribwixxu għat-tmiem tal-gwerra u għall-promozzjoni ta' tranżizzjoni politika ġenwina.

**Sikurezza nukleari**

Permezz tal-approċċ multidimensjonali tiegħu fl-oqsma tas-sikurezza nukleari, tas-saħħa, tal-ambjent u kwistjonijiet relatati, il-programm tal-Istrument għall-Kooperazzjoni dwar is-Sikurezza Nukleari (SKSN) jikkontribwixxi għal ħafna oqsma ewlenin tal-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp, inkluż għal azzjonijiet ta' prijorità fl-Ukrajna, fl-Asja Ċentrali u fl-Iran.

| Paċi u prosperità fl-Iran |
| --- |
| Is-SKSN kien importanti biex il-ftehim diplomatiku mal-Iran, il-Pjan ta' Azzjoni Komprensiv Konġunt (PAKK), jitqiegħed fil-prattika. Dan hu stadju importanti għan-nonproliferazzjoni internazzjonali u jagħti kontribut kbir għall-paċi fir-reġjun. L-ewwel proġett li jappoġġa l-Awtorità Regolatorja Nukleari Iranjana nbeda f'Lulju 2017. |

**SĦUBIJIET**

**Kooperazzjoni mas-soċjetà ċivili, mal-komunità ta' donaturi u mal-organizzazzjonijiet internazzjonali**

Element ċentrali għas-suċċess tal-Aġenda 2030 huwa li jissaħħu l-mezzi ta' implimentazzjoni tas-Sħubija Globali għall-Iżvilupp Sostenibbli u li din tiġi rivitalizzata (SDG 17).

L-UE u n-NU huma sħab indispensabbli għall-ksib tal-paċi u s-sigurtà. Fl-2017 l-UE baqgħet tkun involuta fi proċessi tan-NU relatati mal-iżvilupp, inkluż il-Forum Politiku ta' Livell Għoli u l-Forum tal-Finanzjament għall-Iżvilupp.

L-UE kompliet issaħħaħ l-involviment tagħha ma' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (OSĊ). Ġew implimentati 23 Ftehim Qafas ta' Sħubija ma' pjattaformi tas-soċjetà ċivili. Fl-2017 ġie ppubblikat Rapport dwar l-Involviment tal-UE mas-Soċjetà Ċivili[35].

Fl-2017 saru bosta djalogi dwar il-politika tal-iżvilupp ma' donaturi mhux mill-UE, inklużi l-Awstralja, il-Kanada, il-Ġappun, ir-Repubblika tal-Korea u l-Istati Uniti.

Fl-2017 l-Istrument ta' Sħubija (PI, Partnership Instrument) kompla l-artikolazzjoni u l-implimentazzjoni tad-dimensjoni esterna tal-politiki interni, b'interkonnessjoni ta' oqsma ta' politika differenti. L-azzjonijiet ikopru sfidi globali bħat-tibdil fil-klima u l-ħarsien tal-ambjent (pereżempju enerġija nadifa); id-dimensjoni internazzjonali tal-istrateġija Ewropa 2020[36]; it-titjib tal-aċċess għas-swieq u l-promozzjoni ta' opportunitajiet ta' kummerċ, investiment u negozju għal kumpaniji tal-UE (b'enfasi partikolari fuq SMEs); u d-diplomazija pubblika.

Matul is-sena 2017 kollha, il-Kummissjoni kompliet taħdem mill-qrib ma' sħab internazzjonali bħalma huma l-G7, il-G20, il-Bank Dinji u l-Fond Monetarju Internazzjonali.

[34] JOIN(2017) 11 final, 14.3.2017
[35] https://europa.eu/capacity4dev/policy-forum-development/documents/eu-cso-report-1
[36] https://ec.europa.eu/info/business-economy-euro/economic-and-fiscal-policy-coordination/eu-economic-governance-monitoring-prevention-correction/european-semester/framework/europe-2020-strategy_mt

**RESPONSABBILTÀ u RIŻULTATI**

Il-Kummissjoni Ewropea tissorvelja u tirrapporta dwar ir-riżultati tal-azzjonijiet iffinanzjati mill-UE ma' sħab madwar id-dinja kollha permezz tal-Qafas tar-Riżultati tal-UE fl-Iżvilupp u l-Kooperazzjoni Internazzjonali.

Il-proġetti u l-programmi ffinanzjati mill-UE li spiċċaw bejn nofs l-2016 u nofs l-2017 ikkontribwew għall-għażla segwenti ta' riżultati:

**NIES**

1 492 000 mara ta' età riproduttiva u tfal ta' taħt il-ħames snin ibbenefikaw minn **programmi relatati man-nutrizzjoni**

12 437 000 tifel u tifla kienu rreġistrati f'**edukazzjoni primarja**, 3 377 000 tifel u tifla kienu rreġistrati f'**edukazzjoni sekondarja**

3 096 000 twelid kienu assistiti minn persunal tas-saħħa speċjalizzat, u b'hekk **tnaqqset il-mortalità materna**

136 000 000 xibka tas-sodda trattati bl-insettiċidi tqassmu għall-**prevenzjoni tat-tixrid tal-malarja**[37]

**PJANETA**

16 140 000 ettaru ta' żoni protetti ġew ġestiti biex tkun **żgurata d-diversità bijoloġika** u għall-preservazzjoni tal-wirt naturali

3 438 000 persuna setgħu jaċċessaw **servizzi tal-enerġija sostenibbli**.

**PROSPERITÀ**

757 000 persuna akkwistaw dritt għaż-żamma ta' art u b'hekk bnew l-assi tagħhom biex igawdu minn **għajxien sostenibbli permezz tal-agrikoltura**

1 844 000 persuna ngħataw aċċess għal **toroq adattati għall-istaġuni kollha**

166 000 persuna bbenefikaw minn Taħriġ Vokazzjonali u Edukattiv jew minn programmi għall-iżvilupp tal-ħiliet u b'hekk tejbu l-**impjegabbiltà**

**PAĊI**

309 000 persuna bbenefikaw direttament minn **għajnuna legali**, li żgurat l-ugwaljanza f'għajnejn il-liġi

1 420 000 persuna bbenefikaw direttament minn programmi li jappoġġaw il-**konsolidament tal-paċi ċivili wara l-konflitt u l-prevenzjoni tal-konflitti**

[37] L-appoġġ kontinwu tal-UE għall-Fond Globali għall-Ġlieda kontra l-AIDS, it-Tuberkulożi u l-Malarja kkontribwixxa għal dan ir-riżultat.